# BALDASS ARMATO (1909-1992)

**minn J.A. Deacon**

Baldass twieled fin-Naxxar, Għex u trabba f'Birkirkara. Wara snin l-iskola tal-Gvern, huwa studja waħdu l-letteratura Maltija, Ingliża u dik Taljana.

Kien jaqra u jikteb tajjeb f'dawn l-ilsna. Għoxrin sena akbar minni, niftakru jurini l-kotba ta' Dante, Milton u 'l Manzoni li minnhom kien jislet it-tagħlim sabiħ li bih dawn huma mogħnija. Fihom kien jammira l-ħniena ta' Alla u jħares b'qalbu lejn il-kobor Tiegħu fil-ħolqien. Huwa xandar l-ewwel poeżija 'Il-Buli Mrażżan" meta kellu 21 sena, u baqa' jikteb poeżiji speċjalment għall-festa tal-Qaddisa Elena li tant kien iħobb.

Ta' 45 sena ħalla Malta flimkien mal-familja għall-Awstralja u hemm kien minn ta' l-ewwel li xxierek fil-*Maltese Literature Group* ta' Victoria kif ukoll fil-*Victorian Multicultural Association.* Fl-1982 hu xandar l-ewwel ktieb ta' poeżiji "Werqtejn mis-Siġra tal-Musa" li ġie milqugħ b'tifħir. Xogħlijiet oħra tiegħu kienu: "Strofi ta' mħabba" (1983), "Ġirja lejn il-bnazzi" (1986), "Mit-Tron tal-ħsieb" (1989) u "Ħsejjes fil-moħħ" (1992). Kien ukoll ko-awtur tal-kotba: "Irjieħ" (1986) u "Ġirja Lejn il-Bnazzi" (1986). Fil-vrus mill-isbaħ "Lil Ommu" jilħaq livell għoli. Kien wieħed mill-poeti maltin l-aktar popolari fl-Awstralja. Kien bniedem sinċier, twajjeb u jaf japprezza l-ħbiberija.